# ANTALOĠIJA

## IZ-ŻGĦURIJA

O żmien ħelu, kif għaddejtli
żmien ta' meta kont bla ħtija!
it-tifkira biss ħallejtli
biex il-għira nħoss għalik:
int ma tarġa' iżjed għalija
u sal-mewt indum nibkik.

La taħbit, la ħsieb għall-ħajja
fiż-żgħurija ma jgħabbina,
ma tnikkitna l-ebda ġrajja
l-ebda għali, l-ebda hemm;
kollox ward ikun għalina
xewk għal qlubna ma jkunx hemm.

Kollu wieħed jidlam, jisbaħ,
xinhu l-lum ebda ma nfittxu,
nittennew l-għada jkun isbaħ
bla ma naħsbu x'jista' jsir;
għal koll xejn tarana nżiċċu
għal koll ħaġa qalbna ttir.

Sajf u xitwa fiż-żgħurija
il-qalb dejjem ħienja żżommha
tgħaddi fuqna x-xemx qawwija
jew tal-kesħa jgħaddi r-riħ...
ma jiksirna bart jew għomma,
u koll żmien naraw sabiħ

Iżda x'ħaġa! fiż-żgħurija
ma nintebħu xejn bil-hena,
li bih qalbna tkun mimlija,
ma nagħarfu deni u ġid:
wara l-erbatax-il sena
dik il-ħajja kieku trid.

O żmien ħelu, għax bis-serqa
tgħaddi u tmur bla ħadd ma jsibek?
bħala leħħa minn ta' berqa
għaddejt fuqi u ġejt meħud:
li kont nista' narġa' nġibek
kieku fik irrid immut.

Dr. G. A. Vassallo.